**FIT - TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGHAR**

**Ġudikatur: Dr. Marouska Debono LL.D; M.A. in Law**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta, 28 ta' Frar, 2023**

**Talba Nru: 231/2021MD**

**Atlas Insurance PCC Limited [C-5601] kif surrogata fid-drittijiet tal-assikurat tagħha Form Limited [C-3516]**

**Vs**

**Express Trailers Limited [C-4278]**

## It-Tribunal,

Ra l-avviż fl-ismijiet premessi ppreżentat fil-5 ta' Awissu, 2021[1] permezz ta' liema s-soċjeta' attrici talbet li s-soċjeta' konvenuta tħallas l-ammont ta' disa' mija u tminn Ewro (€908.00) rappreżentanti d-danni kollha sofferti mis-soċjeta' assikurata Form Limited u dan rizultat ta' danni mġarrba waqt it-twettiq tal-inkarigu tas-soċjeta' konvenuta ghat-trasport tal-merkanzija minn fabbrika tal-manifattur tal-għamara u dan riżultat ta' traskuraġni u negliġenza da parti tas-soċjeta' konvenuta li kienu qeghdin iqandlu l-merkanzija b'nuqqas ta' kura u attenzjoni, u ghalhekk is-soċjeta' konvenuta għandha tinzamm unikament responsabbli għad-danni subiti mis-soċjeta' attrici.

Ra r-risposta ppreżentata fl-10 ta' Settembru, 2021[2] fejn is-soċjeta' konvenuta eccepiet:

---

[1] *A fol* 1 *et seq* tal-process.
[2] *A fol* 7 *et seq* tal-process.

1. Illi s-soċjeta’ rikorrenti trid tipprova li ġiet surrogata fid-drittijiet tal-assigurat tagħha;
2. Illi minghajr preġudizzju ghas-suespost it-talba tas-soċjeta’ rikorrenti hija nfondata fil-fatt u fid-dritt;

3. Illi s-soċjeta’ esponenti mhijiex responsabbli ghall-hsarat allegatament kaġunati lill-merkanzija in kwistjoni;

4. Illi bla hsara ghas-suespost id-danni li jistghu jintalbu mis-soċjeta’ rikorrenti huma limitati skont il-Konvenzjoni dwar il-Ġarr Internazzjonali Stradali (“CMR”);

Salv eccezzjonijiet ulterjuri li jistghu jitressqu skont il-ligi.

Ra l-atti kollha tal-kawża.

Ra d-dokumenti li gew esebieti in atti.

Ra x-xhieda prodotta mill-partijiet.

Ra s-sottomissjonijiet tal-partijiet.

Ra li l-kawża tħalliet ghas-sentenza.

**Fatti fil-Qosor**

Is-soċjeta’ attrici Atlas Insurance PCC Limited ħallset l-ammont ta’ disgha mija u tminn Ewro (€908) lill-assikurata Form Limited rappresentanti d-danni kollha sofferti mis-soċjeta’ assikurata mġarrba waqt it-twettiq tal-inkarigu tas-soċjeta’ konvenuta ghat-trasport ta’ merkanzija minn fabbrika tal-manifattur tal-ghamara, Imperial Line S.r.l, fir-regjun ta’ Venezja fl-Italja, sax-showroom tas-soċjeta’ assikurata Form Limited f’Valley Road, Imsida. Mal-wasla tal-merkanzija gewwa Malta fl-10 ta’ Awissu, 2020, l-impjegati tas-soċjeta’ Form Limited sabu oggett mill-konsenja u cioe’ wiċċ ta’ mejda *customised* bl-isem ta’ “Fior di Bosco” kien maqsum, minkejja l-pakkeġġjar professjonali li fiha kienet tqieghdet mill-manifattur, u dan rizultat ta’ traskuraġni u negligenza da parti tas-soċjeta’ konvenuta li kienu qieghdin iqandlu l-merkanzija b’nuqqas ta’ kura u attenzjoni. Is-soċjeta’ konvenuta eccepiet li t-talba tas-soċjeta’ rikorrenti hija infondata fil-fatt u fid-dritt u li ma hijiex responsabbli ghal hsarat allegatament kaġunati lil-merkanzija in kwistjoni.

**Provi prodotti**

Ra l-affidavit ta’ **Julian Galea**[3] li jokkupa l-kariga ta’ *sales manager* tal-kumpanija Form Limited u li ilu jokkupa tali kariga ghal ħafna snin. Spjega li madwar Gunju tas-sena 2020, huwa għażel

[3] *A fol* 13 *et seq* tal-process.

mejda taċ-ċeramika tad-ditta Taljana Imperial Line, minn Veneto bl-intenzjoni li din il-mejda tkun esposta fis-*showroom* taghhom bħala mejda tal-ikel. Il-fattura tal-merkanzija li ġiet ordnata kienet tinkludi din il-wiċċ tal-mejda. Spjega li l-kumpanija dejjem użat lil Express Group bħala *freight forwarders* u anke bħala *local haulage*, u ghalhekk użat lill-istess ghal din il-merkanzija li kienet tinkludi l-mejda in kwistjoni. Fil-11 ta' Awissu, meta wasal it-*trailer* ta' Express Group bil-merkanzija, huwa kien fis-*showroom* fuq gewwa, u mal-ħaddiema ta' Express Group kien hemm impjegat tal-kumpanija assikurata, Dennis Blundell. Il-ħaddiema ta' Express Group kienu qeghdin igorru l-merkanzija permezz ta' *fork lifter*. Peress li l-mejda in kwistjoni kellha tigi mqiegħda gewwa x-*showroom*, ma tqeghditx mal-bqija tal-merkanzija gewwa l-*goods lift*, izda ttiehdet gewwa s-*showroom*, fejn l-haddiem ta' Express Group ingħataw struzzjonijiet fejn il-mejda kellha titpogga. Kompla jispjega li s-*showroom* tal-kumpanija qiegħda ezattament hdejn il-*goods lift*. Meta kienet qed tinġarr il-merkanzija, mar missieru, Philip Galea, li hu wiehed mid-Diretturi tal-kumpanija, fejn infurmah li waqt li kien għaddej innota li waqt li l-mejda in kwistjoni kienet qiegħda tigi mħotta mill-ħaddiema ta' Express Group, din ma kienetx qed tingħata l-attenzjoni neċessarja, ghalhekk qallu biex joqgħod hemm sakemm jitneħħa l-ippakkeġġjar tagħha. Malli din il-mejda inġarret gewwa s-*showroom* mill-ħaddiema tal-Express Group, hu nehha l-packing tagħha dak il-hin stess u sab il-wiċċ taċ-ċeramika tal-mejda kien miksur fil-kantuniera u li kellu qasma tul il-wiċċ. Meta ra dan ghajjat lil wiehed mill-ħaddiema tal-Express Group, li hu jafu bħala Sunny sabiex jigbidlu l-attenzjoni, fejn qallu biex jikteb fuq id-*delivery chit* u qallu biex jinforma lil Express Group dwar dak li kien gara. Huwa ghamel hekk u l-kumpanija fethet *claim* mas-soċjeta' tal-assikurazzjoni.

Fil-kontro-ezami,[4] qal li din kienet mejda shiha bil-wiċċ u s-saqajn. Meta waslet il-mejda, hu kien fis-*showroom* u kienet għadha fil-*packaging* tagħha. Fuq in-naha ta' barra tal-*packaging*, qabel tneħħa l-istess ma kienux jidhru xi daqqiet jew sinjali li intmisset waqt il-vjagg. Min-nies impjegati tas-soċjeta' konvenuta li kienu fis-*showroom* huwa jaf li kien hemm Sonny. Ma staqsihomx biex jibqghu mieghu sakemm jiftaħ il-*packaging*. Ftakar li s-*supplier* kien Emperor Line. Kien ikkomunika mal-istess *supplier*, spjega li s-sid tal-istess kumpanija anke jiehu ritratti ta' qabel jippakjaw il-merkanzija u anke kien baghtlu r-ritratti u qallu li kien jiddispjacih li kien gara hekk. Fuq mistoqsija jekk jistax jeskludi b'mod kategoriku li l-wiċċ tal-mejda ittellat fit-*trailer* gja imkissra wiegeb li ma kienx f'posizzjoni li jirrispondi ghax ma kienx hemm meta kienu qed jgħabbuha imma li seta jgħid huwa li kemm ilu jgib il-merkanzija minghand din il-kumpanija taljana l-ewwel darba li ġie wiċċ imkisser.

Ra l-affidavit ta' **Philip Galea**[5] li spjega li huwa wiehed mid-Diretturi tal-kumpanija Form Limited. Spjega li fil-11 ta' Awissu, 2020 jiftakar li kien qieghed jinhatt *trailer* tal-Express Group quddiem is-*showroom* tal-kumpanija u meta ghadda minn hdejn it-*trailer* hu u diehel is-*showroom* innota li kien hemm merkanzija partikolari li kienet tikkonsisti f'mejda tal-ikel, li fil-fehma tiegħu ma ġietx imqandla bil-galbu sakemm kienet għadha fuq it-trailer. Mill-ewwel avvicina lit-tifel tiegħu Julian Galea li jaħdem mal kumpanija u li kien fix-*showroom* u esprima t-thassib mieghu, u rrakomdanda li dik il-mejda partikolari tinfetah mill-ippakkegjar minnufih. Julian kien qallu li ahjar tinfetah għaliex dik il-mejda partikolari kienet intiża ghas-*showroom*.

[4] *A fol* 40 *et seq* tal-process.
[5] *A fol* 21 tal-process.

Hu ma kienx preżenti meta nfetħet, izda ġie informat li meta ġiet spakkjata din il-mejda, kien instab li l-wiċċ tac-ċeramika tagħha kien maqsum.

Fil-kontroezami[6], spjega li ilu direttur tas-soċjeta' Form Limited mis-sena 1976 u ihom jaħdmu mas-soċjeta' konvenuta mis-sena 1948. Qal li ma jafx min għabba il-merkanzija fit-*trailer* barra minn Malta. Spjega li meta hu mar hdejn it-*trailer*, ra ħafna pakketti fuq *container* u kien xhud ta' incident li ma ghogbux. Wara li ra ritratt esebiet mis-soċjeta' attrici[7] spjega li dak ir-ritratt ma kellu xejn x'jaqsam ma dak li ra huwa, għaliex kien hemm ħafna pakketti. Ikkonferma li certu Sonny huwa c-*chief* ta' numru ta' impjegati tas-soċjeta' konvenuta li jkunu qed iħottu l-pakketti u li ilu ħafna snin u jaghmel xogħol impekkabbli imma dan Sonny ma jistax ikun kullimkien. Qal li ma jistax jeskludi bl-iktar mod kategoriku li din il-hsara saret qabel u cioe' barra minn Malta għaliex wiehed jara pakkett u galadarba l-pakkett ikun tajjeb, il-prezunzjoni hija li huwa shih l-prodott. Li jaf hu li meta ra lil dik il-persuna li kienet qed tmexxi l-kaxxa partikolari induna li kellu kaxxa tqila u ma kienx suppost qed jiehu hsiebha wahdu. Dan rah għaliex huwa kien diehel ghax-xogħol u l-kurzita' tiegħu meta jara trailer wara l-bieb tiegħu imur jara ta' liema ditta hi l-merkanzija li tkun waslet, jaghmel minuta u jitlaq 'l hemm. Fuq mistoqsija jekk rax il-pakkett jaqa' mal-art, huwa wiegeb li jekk titlaq il-pakkett anke jekk ftit, bl-impatt tagħha jkun hemm konsegwenza normalment. Hu meta ra hekk mar fuq it-tifel tiegħu Julian u qallu biex jiftaħ dik il-kaxxa ghax żgur li kien hemm il-hsara. Ma eskludiex li kellem lil Sonny meta ra dak li gara imma ma jafx. Teknikament kif gja qal lil kulhadd, huma ghandhom *insurance*, u jekk l-incident sar barra jew Malta huwa rrilevanti ghalih imma huma hekk maghmulin li l-affarijiet iridhom li jsiru bis-serjeta' u jekk xi hadd huwa responsabbli jerfa' l-konsegwenzi taghhom. Il-wiċċ tal-mejda ma kienx marbut mas-saqajn. Ma ftakarx min kien il-manifattur tal-mejda.

Ra l-affidavit ta' **Michela Pace**[8] fejn spjegat li hija impjegata bħala *Executive Commercial Insurance* mas-soċjeta' Atlas Insurance PCC Limited, u li fost il-mansjonijiet tagħha kienet responsabbli tal-ipproċessar tal-claim li kien jinvolvi lil Form Limited. Spjegat li Form Limited kellha polza tal-*marine insurance* bin-numru 79069 900 001, liema polza kienet effettiva mis-sena 2001. Spjegat li fis-27 ta' Awissu 2022, il-kumpanija Form kienet informathom li kienet inkarigat lil Express Group sbaiex tiġbor xi merkanzija li kienet ordnat minghand il-manifattur Imperial Line gewwa Veneto, fl-Italja u twassalha ghand Form, Malta u li mal-wasla tal-merkanzija ghand Form, irrizulta li kien hemm hsara fuq mejda partikolari, kif jirriżulta mad-*delivery chit* relattiva, liema mejda kellha valur ta' €908.00.[9] Kompliet tispjega li gew informati li għalkemm Form Limited kitbet lil Express Group li bħala *carrier* kienet responsabbli tal-konsenja matul it-traġitt kollu u li ghandha tasal ghand Form fi stat tajjeb u minghajr hsara, il-kumpanija Express Group irrifjutat li taccetta r-responsabilita' u li tikkumpensaha u ghalhekk infetħet il-claim.[10] Atlas insurance PCC Limited pprocediet bil-hlas tas-somma ta' €908 lil Form Limited.[11] Kompliet tispjega li s-soċjeta' attrici ġiet surrogata fid-drittijiet ta' Form Limited meta tħalset u ffirmat is-*subrogation and discharge form*.[12] Spjegat li is-soċjeta' attrici

---

[6] *A fol* 37 *et seq* tal-process, kontro-ezami datat 17 ta' Mejju, 2022.
[7] A fol 35 tal-process.
[8] *A fol* 24 *et seq* tal-process.
[9] *A fol* 20 tal-process.
[10] *A fol* 26 *et seq* tal-process.
[11] *A fol* 30 tal-process.
[12] *A fol* 31 tal-process.

kienet avvicinat lis-soċjeta' konvenuta sabiex tikkompensaha fl-ammont tad-danni minnha mhallsa lil Form Limited abbażi tat-termini tal-polza, izda s-soċjeta' konvenuta baqghet ma halsitx u ghalhekk infetħet il-kawża odjerna.

Ra x-xhieda ta' **Saviour Abela**[13] fejn spjega li lilu jsibuh bħala Sunny, u ilu jaħdem ma l-Express Trailers ghal-43 sena bħala *driver, labourer* u *supervisor*. Spjega li kważi jmur darba kull ġimgha fuq xogħol li jgibu l-Express Trailers ma Form, u dan kemm ilu jaħdem mal-istess soċjeta' konvenuta. Ikkonferma li hu jaf lil Philip Galea, bħala d-Direttur ta' Form, u li fix-xogħol tiegħu Galea huwa tajjeb u kull ma jara jrid ikun jaf għaliex huwa ma jaqbiżlu xejn. F'esperjenza li kellu ma Form kien hemm drabi fejn kelmu Galea u dan billi dejjem fahhru. Spjega li hu jkun kemm bil-*fork lifter* u kif ukoll fit-*trailer*, fejn ikun tnejn min-nies ohra u jghinhom. Meta kienu qed iħottu t-*trailer* fil-kwistjoni odjerna, dakinhar lil Philip Galea ma rahx u hu kellu x'jaqsam ma Julian Galea. Mistoqsi li Philip Galea qal li dak inhar in kwistjoni kien hemm cirkustanza fejn ra b'ghajnejh li persuna wahedha kien qieghed jghabbi jew jaqbad xi oggetti li kienu tqal wahdu u sabbathom fit-trailer, wiegeb li kieku Philip Galea kien jghajjat maghhom u jikkoregihom ghax ma tistax taghmel hazin jekk ikun hemm. Julian ma kienx qallu x'qallu missieru u kull ma kelmu dakinhar kien x'hin waslu hdejn il-lift billi qallu biex jibzghu naqra ghall-affarijiet ghax fihom ir-resin, fejn hu wiegbu li huma dejjem jiehdu hsieb l-affarijiet. Wara xi 10 minuti qallu biex itih waħda halli jodhodha fis-*showroom*, hadha waħda mil-lavranti, ghalaq il-bieb u komplew jaħdmu. Kollox kien normali bhas-soltu. Ma jafx kemm kellu prodotti imma kellu iktar minn waħda. Wara xi 10 minuti mar ikelmu Julian u qallu li kienet imkissra, u hu rrispondih li kienet ippakjata sew bħalma kien jaf huwa. Julian kien irrispondih u ijja, u mbaghad sema li qed jgħidu li huma jaħdmu bi traskuraġni u kien kellimhom wara ftit zmien. Kien qal lil Philip Galea li kieku jahseb li jaħdmu bi traskuraġni kieku ma jkellimhomx, imbaghad Galea kien urieh kaxxa ta' *lampshade* u qallu li n-nies tiegħu ġieli jekk il-vleġġa tkun 'il fuq u jagħmluha rasha 'l isfel, issir il-hsara. Huwa kien irrispondih li ghax ma jindunax huwa għaliex hu ma jħallihomx jagħmlu dawn l-affarijiet u kienu waqfu hemm.

Spjega li x'hin ikun bil-*forklifter* iwassal il-merkanzija għalkemm ma jkunx fit-*trailer*, ix-xogħol ma jintmessx.[14] Spjega li kieku Philip Galea rah, kien ikelmu u dan għaliex Philip anke jekk jarak bil-qieghda fuq sufan li ghadu ppakjat ikelmek, anke jekk jiftħu bozza. Kompla jispjega li kien hemm diversi wcuh ta' mwejjed, u li kieku din il-waħda ma fettilux jaghmilha fis-*showroom* kien idahhalha fl-*istore*. Lilu kien qallu biex itih waħda milli kien hemm, kien hemm izjed minn waħda u hu ma qgħadx jaghzel. Jekk il-pakkegjar ma jkunx car hu ma jarax il-kontenut ta' gewwa. F'dan il-kaz kienet kaxxa u ma setgħax jara gewwa u li kieku kien hemm daqqa mal-kaxxa kienu jiftħuha dak il-hin stess.

Ra x-xhieda ta' **Johann Vella**[15] fejn spjega li hu ilu direttur tas-soċjeta' konvenuta u ilu ghal 15-il sena. Meta jintalbu iġibu merkanzija minn barra jghaddi l-istruzzjonijiet lix-xufier li jkun qieghed barra sabiex imorru l-fabbrika minn fejn jitgħabba x-xogħol, ix-xufier jiftaħ il-bieba tat-*trailer* u n-nies tal-fabbrika jgħabbu x-xogħol fuq it-*trailer*. Ix-xufier ikun qieghed man-nies li qed jgħabbu x-xogħol biex jghoddu l-kwantita' pero' jekk ma jkunx hemm daqqa vizibbli fuq il-kaxxi l-konentut jittiehed bhalha li hu. Sar jaf bil-kwistjoni meta irċievew minghand Form

[13] *A fol* 43xotal-process; xhieda datata 2 ta' Gunju, 2022.
[14] *Ibid*; kontro-ezami.
[15] *A fol* 50 *et seq* tal-process; xhieda datata 2 ta' Gunju, 2022.

Limited li sabu wiċċ ta' mejda miksur u hu kien saqsa lil Sunny ghal verzjoni tiegħu. ikkonferma li kien qal l-istess li xehed u meta kien staqsieh dwar xi traskuraġni kien kważi ha ghalih ghax hu ffissat. Anke meta n-nies ikunu qeghdin inizzilu xi affarijiet iridu jnizzluhom fuq iz-zarbun u Philip Galea jista jikkonferma dan. Ma kellux kopja tat-termini u l-kundizzjonijiet u spjega li Form Limited ilha taħdem bil-kumpanija taghhom fuq 40 sena u jafhom sew il-kundizzjonijiet. Spjega li kemm-il darba kaxxa tkun intatta minn barra, tasal is-sowroom taghhom u meta jiftħuha isibu damage gewwa jitrattawha mas-supplier stess għaliex jekk ma jkolliex daqqa vizibbli fuq barra jista jkun ħafna affarijiet u ma jistghux iwahhlu fin-nies li jkunu qeghdin iħottu l-merkanzija. Dakinhar fis-*showroom* kien wara kwarta li ghajtu lil Sunny biex jmur jara x'gara, ma kienx qed jgħid li kissruh huma, seta kien li gara barra. Li kien żgur li kieku kien hemm xi daqqiet fuq il-kaxxa, l-*istore keeper* kien ser jgħid lil Sunny, jiftaħa dak il-hin kif ġieli gara u jittrattaw il-kaz. Dawn it-termini u l-kundizzjonijiet qeghdin fuq il-*website* u fuq kull dokument li jircievi l-klijent, jekk kwotazzjoni u kemm jekk invoice. Hu ma kienx preżenti dak inhar.

**Konsiderazzjonijiet**

Din il-kawża si tratta dwar merkanzija li nġarret mis-soċjeta' konvenuta fuq struzzjonijiet ta' Form Limited fejn meta infetħet kaxxa minn din il-merkanzija, wiċċ ta' mejda instabet li kienet imkissra, u s-soċjeta' attrici qed titlob lil dan it-Tribunal sabiex is-soċjeta' konvenuta tinzamm unikament responsabbli ghad-danni subiti mis-soċjeta' attrici għaliex dan seħħ rizultat ta' traskuraġni u negliġenza da parti tas-soċjeta' konvenuta li kienu qegħdin iqandlu l-merkanzija b'nuqqas ta' kura u attenzjoni.

L-ewwel eċċezzjoni mogħtija mis-soċjeta' konvenuta giet sorvolata mal-prezentata tas-*subrogation form*.[16]

Iz-żewġ partijiet issollevaw illi fil-kaz odjern japplikaw ir-Regolamenti tal-Att dwar il-Ġarr Stradali Internazzjonali ta' Merkanzija.

L-artikolu 17 tal-Kapitolu IV tal-Iskeda (Artikolu 5) tal-Att dwar il-Ġarr Stradali Internazzjonali ta' Merkanzija jipprovdi s-segwenti:

> *Chapter IV - Liability of the Carrier*
>
> *1. The carrier shall be liable for the total or partial loss of the goods and for damage thereto occurring between the time when he takes over the goods and the time of delivery, as well as for any delay in delivery.*
>
> *2. The carrier shall, however, be relieved of liability if the loss, damage or delay was caused by the wrongful act or neglect of the claimant, by the instructions of the claimant given otherwise than as the result of a wrongful act or neglect on the part of the carrier, by inherent vice of the goods or through circumstances which*

[16] A fol 4 u a fol 31 tal-process rispettivament.

*the carrier could not avoid and the consequences of which he was unable to prevent.*

*3. The carrier shall not be relieved of liability by reason of the defective condition of the vehicle used by him in order to perform the carriage, or by reason of the wrongful act or neglect of the person from whom he may have hired the vehicle or of the agents or servants of the latter.*

*4. Subject to article 18, paragraphs 2 to 5, the carrier shall be relieved of liability when the loss or damage arises from the special risks inherent in one more of the following circumstances:*

*(a) use of open unsheeted vehicles, when their use has been expressly agreed and specified in the consignment note;*

*(b) the lack of, or defective condition of packing in the case of goods which, by their nature, are liable to wastage or to be damaged when not packed or when not properly packed;*

*(c) handling, loading, stowage or unloading of the goods by the sender, the consignee or person acting on behalf of the sender or the consignee;*[17]

*(d) the nature of certain kinds of goods which particularly exposes them to total or partial loss or to damage, especially through breakage, rust,decay, desiccation, leakage, normal wastage, or the action of moth orvermin;*

*(e) insufficiency or inadequacy of marks or numbers on the packages;*

*(f) the carriage of livestock.*

5. *Where under this article the carrier is not under any liability in respect of some of the factors causing the loss, damage or delay, he shall only be liable the extent that those factors for which he is liable under this article have contributed to the loss, damage or delay.*

L-artikolu 18 tal-istess Kap hawn fuq citat jipprovdi is-segwenti:

*1. The burden of proving that loss, damage or delay was due to one of the causes specified in article 17, paragraph 2, shall rest upon the carrier.*

*2. When the carrier establishes that in the circumstances of the case, the loss or damage could be attributed to one or more of the special risks referred to in article17, paragraph 4, it shall be presumed that it was so caused. The claimant shall, however, be entitled to prove that the loss or damage was not, in fact, attributable either wholly or partly to one of these risks.*[18]

[17] Sottolinear tat-Tribunal.
[18] Sottolinear tat-Tribunal.

*3. This presumption shall not apply in the circumstances set out in article 17, paragraph 4 (a), if there has been an abnormal shortage, or a loss of any package.*

*4. If the carriage is performed in vehicles specially equipped to protect the goods from the effects of heat, cold, variations in temperature or the humidity of the air, the carrier shall not be entitled to claim the benefit of article 17, paragraph 4 (d), unless he proves that all steps incumbent on him in the circumstances with respect to the choice, maintenance and use of such equipment were taken and that he complied with any special instructions issued to him.*

*5. The carrier shall not be entitled to claim the benefit of article 17, paragraph 4 (f), unless he proves that all steps normally incumbent on him in the circumstances were taken and that he complied with any special instructions issued to him.*

Ghalhekk it-Tribunal irid jikkonstata jekk il-hsara li ġarrbet il-mejda in kwistjoni saritx meta ittellat il-merkanzija fuq it-*trailer*, waqt it-traġitt ta' tali merkanzija jew inkella meta kienet qed tinhatt minn fuq it-trailer.

It-Tribunal gie rinfaccat b'verżjonijiet differenti u cioe' fejn min-naha waħda Philip Galea kemm fl-affidavit ipprezentat minnu kif ukoll fil-kontro-ezami jinsisti li huwa mar jara x'merkanzija kienet waslet fejn ra kaxxa li effettivament kienet il-wiċċ tal-mejda li nstabet imkissra tigi mqandla b'mod traskurat, u mar jgħid lil ibnu Julian Galea b'dak li kien ra. Min-naha l-ohra Saviour Abela li kien il-*foreman* tas-soċjeta' intimata, u kien prezenti meta kienet qed tinhatt il-merkanzija, qal li filwaqt li huwa kien prezenti lil Philip Galea ma rahx hdejn il-merkanzija. Kompla jzid illi kieku Philip Galea kien hemm u ra l-merkanzija tigi mqandla b'mod traskurat, certament kien ser jgħidlu bhal ma dejjem għamel f'każi ohra.

Oltre dan, kemm fl-affidavit tiegħu u kemm fil-kontro-ezami, Julian Galea qal illi huwa speċifikament staqsa ghal wiċċ tal-mejda mertu tal-kawża biex tittieħed fix-*showroom*, u li missieru kien qal li raha titqandel b'mod traskurat meta kienet għadha fit-*trailer* mentri Saviour Abela qal li ma qaghdux jaghzlu l-wiċċ tal-mejda li kienu ser idahhlu fis-showroom ghaliex kien hemm iktar minn wiċċ ta' mejda waħda.

Fuq mistoqsija jekk Saviour Abela li meta jkun qieghed bil-*forklifter* iwassal il-merkanzija huwa ma jkunx qieghed gewwa t-trailer huwa wiegeb:

*Imma sakemm nigi jien ix-xogħol ma jmisuhx ma nkunx fit-trailer ghax jew ha nkun fil-lifter jew ha nkun fit-trailer ma nistax inkun fit-tnejn…*

*Sakemm immur jiena m jmissu xejn…*

*Ikun hemm il-mumenti sakemm inhott u nerga nigi ma nkunx got-trailer jiema imma dawn in-nies ma jmissu assolutament xejn…*

*Imma sakemm ma nkunx hemm jien ma jmissu xejn…*

*Mhux bilqieghda jilghabu bilmobile xi tridu jkunu qed jagħmlu xejn ma jagħmlu qed nghidlek jien…*

Illi għalhekk jirriżulta illi kien hemm xi hinijiet minimi kemm huma minimi li huwa ma kienx qed jissorvelja x'qed jiġri fit-*trailer*.

Saviour Abela spjega illi dak inhar in kwistjoni huwa ma rax lil Philip Galea u kien kellem lil Julian Galea biss. Fix-xhieda tiegħu kompla jgħid, li Julian Galea ma kienx qallu dak li missieru kien qal li ra, izda kull ma qallu dak inhar x'hin waslu hdejn il-lift kien sabiex jibzghu ftit ghall-affarijiet ghaliex fihom ir-*resin*. Kompla jgħid li l-mejda in kwistjoni kienet fuq in-naha ta' wara u wara xi għaxar minuti jew kwarta Julian kien qallu sabiex itih waħda sabiex johodha fix-*showroom*, fejn kienu ħadu waħda mill-ucuh tal-imwejjed li kien hemm il-lavranti ta' Julian Galea u pproċedew billi dahluha fis-showroom, filwaqt li huma li kienu nkarigati mis-soċjeta' intimata komplew jahdmu u ma marrux fis-showroom.

Mix-xhieda mogħtija kemm minn Saviour Abela, kif ukoll minn Philip Galea jidher ċar illi huma jafu lil xulxin fuq xogħol, u dan b'mod sew u dan ghaliex iddiskrivew il-karattru ta' xulxin sew. Illi irriżulta b'mod car kemm hu metikoluż Philip Galea specjalment jekk il-merkanzija tkun qed tigi imqandla b'mod traskurat u ghalhekk it-Tribunal ma jistax ma jsaqsiex ghaliex fil-kaz odjern Philip Galea ma ghamilx l-istess.

Julian Galea fix-xhieda tiegħu semma wkoll illi huwa kien ikkomunika mas-soċjeta' li forniet il-mejda ghaliex ghandu relazzjoni tajba mieghu u l-kumpanija ma hijiex waħda zghira għalkemm lanqas hija waħda kbira, u s-sid tal-fabbrika sa anke jiehu ritratti qabel jippakkja l-merkanzija u ftakar ukoll li kien baghtlu r-ritratti.[19] Madanakollu ma jirriżultax illi dan ir-ritratt gie ezebiet.

Johann Vella, fix-xhieda tiegħu spjega l-procedura ta' kif u minn min tigi imtella' l-merkanzija fuq it-*trailer* qabel ma tibda bit-traġitt. Spjega li jghaddu l-istruzzjonijiet lix-xufier li jkun qieghed barra, imur il-fabbrika minn fejn jitghabba x-xogħol, ix-xufier jiftaħ il-bibien tat-trailer u l-impjegati tal-fabbrika, u cioe' tas-*suppliers* jgħabbu x-xogħol fuq it-trailer. Ix-xufier li jkun qieghed man-nies huma u jgħabbu biex jghoddu l-kwantita' pero' jekk ma jkunx hemm daqqa vizibbli fuq il-kaxxi l-kontentut jittiehed bħala li hu jekk mill-kaxxa ma jkun hemm xejn vizibbli.

Mix-xhieda ta' kemm Julian, kif ukoll Saviour Abela jirriżulta wkoll illi l-merkanzija kienet maghluqa go kaxxi li fihom ma kienx jidher il-kontenut. Mill-korrispondenza mibghuta minn Imperial Line datata 28 ta' Jannar, 2022,[20] jidher li l-prodotti mibghuta jigu ccekjati u maghluqa with "*plastic in order to avoid any movements once inside the track. Including the Table FIOR DI BOSCO, product code T17F-011816032S, which has been packed with strong protection like cardboard and a piece of polyester on the top in order to avoid damages during the transport. All corners of the tables were also protected by cardboard*." Li ma hemmx indikat f'din il-kommunikazzjoni huwa illi meta l-merkanzija kienet qed titpogga fit-trailer din saret b'mod metikoluz. Jirriżulta li l-kaxxa sakemm dahlet fis-*showroom* u giet miftuha kienet

---

[19] *A fol* 41 tal-process. Kontro-ezami ta' Julian Galea; datat 17 ta' Mejju, 2022.
[20] *A fol* 34 tal-process.

għadha intatta u ma kelliex daqqiet.[21] Ghalhekk it-Tribunal ma huwiex konvint li anke jekk il-mejda giet imqandla bil-mod li semma Philip Galea kien proprju f'dak il-mument li nkissret.

Illi għalhekk ghar-raġunijiet hawn fuq spjegati l-prova li l-wiċċ tal-mejda inkissret rizultat tat-traskuraġni u negliġenza da parti tas-soċjeta' konvenuta li kienu qed iqandlu l-merkanzija b'nuqqas ta' kura u attenzjoni ma gietx pruvata mis-soċjeta' attrici, hekk kif rikjest fir-Regolamenti tal-Att dwar il-Ġarr Stradali Internazzjonali ta' Merkanzija.

**Decide**

Ghaldaqstant, it-Tribunal qieghed jaqta' u jiddeciedi dan il-kaz billi jiċhad it-talbiet attrici, jastjeni milli jiehu konjizzjoni tal-ewwel eccezzjoni tas-soċjeta' intimata filwaqt li jilqa' l-eccezzjonijiet rimanenti tas-soċjeta' intimata.

L-ispejjeż tal-kawża jithallsu unikament mis-soċjeta' attrici.

**Avukat Dr. Marouska Debono LL.D. M.A. in Law**

**Ġudikatur**

[21] Hekk kif jirriżulta mix-xhieda ta' Saviour Abela, li ma gietx kontrdetta la minn Philip Galea u lanqas minn Julian Galea.